

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

C 364



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

23 ta' Novembru 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

III Atti preparatorji

IL-QORTI TAL-AWDITURI

2012/C 364/01

Opinjoni Nru 7/2012 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi, fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji mal-Unjoni Ewropea (skont l-Artikolu 336, TFUE) .....

1

MT

Prezz:  
EUR 3



## III

(Atti preparatorji)

## IL-QORTI TAL-AWDITURI

## OPINJONI Nru 7/2012

**dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi, fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji mal-Unjoni Ewropea**

(skont l-Artikolu 336, TFUE)

(2012/C 364/01)

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 336 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti tal-Persunal")<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Awwissu 2012<sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq li waslet il-Qorti fil-11 ta' Settembru 2012,

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet preċedenti tagħha<sup>(3)</sup>,

Billi skont l-Artikolu 4 tar-Regolamenti tal-Persunal, postijiet battala f'istituzzjoni għandhom jiġu nnotifikati lill-persunal ta' dik l-istituzzjoni ladarba l-awtorità ta' ħatra tiddeċiedi li dak il-

post għandu jimtela, u, jekk post ma jistax jimtela bi trasferiment, ħatra għal pożizzjoni skont l-Artikolu 45a tar-Regolamenti tal-Persunal jew promozzjoni, dan għandu jkun notifikat lill-persunal ta' istituzzjonijiet oħra, u/jew għandha tiġi organizzata kompetizzjoni interna skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 29 tar-Regolamenti tal-Persunal;

Billi skont l-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal l-awtorità tal-ħatra għandha taġixxi biss fl-interess tas-servizz u mingħajr ma tqis in-nazzjonalità;

Billi skont l-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal l-ebda post ma għandu jkun irriżervat għal ċittadini ta' xi Stat Membru speċifiku;

Billi fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni tipproponi li tidderoga mir-Regolamenti tal-Persunal billi tippermetti li jiġu organizzati kompetizzjonijiet għall-għażla ta' uffiċjali mill-Kroazja fuq bażi nazzjonali u billi tippermetti li jimtlew postijiet battala minn ċittadini Kroati mingħajr ma jiġu ppubblikati postijiet battala fi ħdan l-istituzzjonijiet;

Billi l-Kummissjoni tipproponi li dawn id-derogi japplikaw *mutatis mutandis* għar-reklutaġġ ta' ċittadini Kroati bħala persunal temporanju;

Billi l-Kummissjoni tipproponi li dawn id-derogi japplikaw mid-data attwali ta' adeżjoni tal-pajjiż ikkonċernat sat-30 ta' Ġunju 2018,

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jstipula r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62).

<sup>(2)</sup> COM(2012) 377 final.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni Nru 5/2012 (ĠU C 205, 12.7.2012, p. 1), l-Opinjoni Nru 3/2006 (ĠU C 273, 9.11.2006, p. 1), l-Opinjoni Nru 1/2004 (ĠU C 75, 24.3.2004, p. 1), l-Opinjoni Nru 5/2003 (ĠU C 224, 19.9.2003, p. 11).

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

Il-Qorti ma għandhiex kummenti dwar il-proposta tal-Kummissjoni.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-23 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*Il President*

---







## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

|                                                                                                |                                            |                    |
|------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------|--------------------|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss                               | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali                                | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss                                   | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | EUR 840 fis-sena   |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)                           | 22 lingwa uffiċjali tal-UE                 | EUR 100 fis-sena   |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena   |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet                                        | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni        | EUR 50 fis-sena    |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT